



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 206/23

Il-Lussemburgu, 21 ta' Diċembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-718/21 | Krajowa Rada Sądownictwa (Żamma fil-kariga ta' mħallef)

Sistema ġudizzjarja Pollakka: kulleġġi ġudikanti tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema ma jikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn dan il-kulleġġi ġudikanti hija konsegwentement iddiċċiara ta' inammissibbli

Fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha marbuta mal-ħatra tal-imħallfin fl-Awla ta' Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema Pollakka, kulleġġi ġudikanti ta' din l-awla ma huwieq "qorti" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ma teżaminax fuq il-mertu d-domandi preliminari mqajma minn din l-istanza.

Fil-Polonja, l-imħallfin li jixtiequ jkomplu jokkupaw il-kariga tagħhom wara li jkunu kisbu l-età tal-irtirar għandhom obbligu li jiddikjaraw ir-rieda tagħhom f'dan is-sens lill-Kunsill Nazzjonali tal-Membri tal-Ġudikatura (iktar 'il quddiem il-“KRS”). Imħallef ta' qorti ordinarja kkontesta r-riżoluzzjoni tal-KRS li kienet iddeċċiediet li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba tiegħu. Fil-fatt, il-KRS qies li d-dikjarazzjoni kienet saret wara l-iskadenza tat-terminu impost mil-liġi. Adita b'rrikors minn dan l-imħallef, l-Awla ta' Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema Pollakka (iktar 'il quddiem l-“Awla ta' Kontroll Straordinarju”) marret quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex titlob kjarifika dwar il-prinċipji ta' irremovibbiltà u ta' indipendenza tal-imħallfin, stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni.

Fis-sentenza tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċċiedi li d-domandi magħmula minn din l-awla ma humiex ġejjin minn korp li huwa qorti indipendenti u imparzjali, stabbilit minn qabel bil-liġi**, kif inhu rikjest mid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant hija tiddikjara li dawn id-domandi huma **inammissibbli**.

Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ssemmi, qabel kollox, sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem¹ li kienet digħi kkonstatat l-assenza ta' natura stabbilita mil-liġi u ta' indipendenza ta' żewġ kulleġġi ġudikanti tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju. Din is-sentenza kienet ibbażata fuq il-konstatazzjoni li l-ħatriet tal-membri ta' dawn il-kolleġġi ġudikanti kienu seħħew bi ksur manifest ta' regoli nazzjonali fundamentali li jirregolaw il-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin.

Iċ-ċirkustanzi tal-bidla li seħħet fl-2017 fil-kompożizzjoni tal-KRS qiegħdu inkwistjoni l-indipendenza tiegħu fir-rigward tas-setgħat tal-leġiżlattiv u tal-eżekuttiv, b'tali mod li affettwaw il-kapaċită tiegħu li jiproponi kandidati indipendenti u imparzjali għal pożizzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti Suprema. Barra minn hekk, l-imħallfin ikkonċernati kienu nħatru mill-President tar-Repubblika tal-Polonja fuq il-bażi ta' riżoluzzjoni tal-KRS li l-effetti tagħha, fil-mument tal-ħatra tagħhom, kienu ġew sospiżi mill-Qorti Amministrattiva Suprema Pollakka fl-istennija tal-eżami tal-legalită ta' din ir-riżoluzzjoni. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza wkoll li l-Qorti Amministrattiva Suprema Pollakka finalment annullat ir-riżoluzzjoni ċċitata iktar 'il fuq².

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqabbel il-konstatazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Qorti Amministrattiva Suprema Pollakka mal-ġurisprudenza tagħha nnifisha dwar il-kundizzjonijiet ta' ġħatra ta' mħallfin fil-Qorti Suprema Pollakka. Minn dan hija tikkonkludi li l-għaqda ta' diversi elementi li kkaratterizzaw il-ħatra tal-imħallfin li jagħmlu parti mill-kullegġġ ġudikanti li minnu joriġinaw id-domandi magħmula f'din il-kawża hija ta' natura li toħloq dubji leġitimi, fil-ħsieb tal-partijiet fil-kawża, dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dawn l-imħallfin u tippreġudika l-aspettattivi li l-ġustizzja għandha tispira lill-partijiet fil-kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt. **Konsegwentement, dan il-kullegġġ ġudikanti ma huwiex qorti indipendenti u imparzjali stabbilit minn qabel bil-liġi.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitkolu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni ġihall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test [sħiħ u, fejn applikabbi, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit (352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġħoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" (32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-8 ta' Novembru 2021, Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja ([CE:ECHR:2021:1108JUD004986819](#)).

² Sentenza tal-Qorti Amministrattiva Suprema Pollakka tal-21 ta' Settembru 2021, Il GOK 10/18.